# LAQGĦA TAL-LOKALITA’ 2009

**Minuti tal-laqgħa tal-lokalita' 2008 li saret nhar it-Tnejn 20 t' April 2009**
**Fis-Sala Joe Tabone fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Nadur**
**Il-Laqgħa bdiet fis-7:30 ta' filgħaxija**

---

Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-sindku, Miriam Portelli li mexxiet il-laqgħa, il-viċi sindku, Charles Said, il-kunsilliera Maria Natoli, Jonathan Buttigieg, Dr. Rita Mifsud, s-Segretarju Eżekuttiv Rita Mifsud Attard, il-perit Robert Grech u madwar 15-il persuna oħra.

Is-Sindku bdiet il-laqgħa bit-talba u tat spjegazzjoni għaliex issir il-laqgħa pubblika.

Is-Sindku informat lil dawk preżenti dwar il-budget li ġie mfassal mill-Kunsill. F’ dan il-budget hemm allokat fondi sabiex isiru żewġ toroq fiċ-ċentru bit-tarmac u possibilment aktar minn tnejn. Il-kumplament tal-budget jintuża għall-kuntratti rikurrenti u amminstrazzjoni kif ukoll għall-attivitajiet kulturali li jsiru matul is-sena. Għall-attivitajiet kulturali l-Kunsill dejjem jipprova jiġbor sponsors u dħul sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjes inkonnessjoni mal-attivitajiet. Barra x-xogħol fit-toroq hi nformat lill dawk preżenti dwar il-proġett tar-riabilizzjoni tal-barriera. Dan il-proġett ser isir bis-shab mal-Ministeru tar-Riżorsi Rurali u Ambjent u Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill ukoll ser japplika sabiex jagħmel proġett ta’ tisbiħ fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Fil-MEPA hemm fondi allokati għan-Nadur taħt il-programm “Urban Improvement Fund”. Il-Kunsill matul is-sena 2008/09 għamel żewġ toroq bit-tarmac ġdid. Dawn jinsabu lesti u mħallsa.

Il-Kunsill bi ħsiebu jkompli l-attivitajiet kulturali u edukattivi billi jerġa fi xhur tas-sajf jagħmel id-day care centre għat-tfal u korsijiet. Id-Day Centre baqgħet issir darba fil-ġimgħa għall-anzjani. Il-Kunsill tan-Nadur għandu jkoll Kunsill għaż-żgħażagħ li jiltaqa ta’ spiss u jorganizza diversi attivitajiet. Din is-sena għall-ewwel darba ser issir attivita msejha Mayfair li qed tiġi organizzata kompletament miż-żagħżagħ. L-attivitajiet kulturali organizzati mill-Kunsill (i.e Karnival, Attivitajiet ta’ l-Imnarja, Wine Festival, Jum il-Kunsill u Christmas Market) saru kollha u hemm pjanat li jsiru matul din is-sena.

Il-Perit Robert Grech ppreżenta l-pjanta tal-Pjazza San Pietru u San Pawl u spiega x’ser issir. Fil-proġett hemm inkluż “traffic calming measure” u l-pjazza ser tkun “pedestrian friendly”. Dan peress li l-Pjazza ma tibqax parking area iżda tiġi utilizzata għall-pubbliku bhala post soċjali. Fost in-nies preżenti għall-laqgħa kien hemm numru ta’ residenti tal-Pjazza. Huma oġġezzjonaw għat-tnaqqis ta’ spazju għall-parking. Ġiet diskussa l-possibilta’ li r-residenti jiġu allokati postijiet tal-parking għalihom. Ir-residenti kif ukoll in-negozjanti tal-Pjazza baqu jinsistu li

għandu jkun hemm aktar spazji tal-parking. Bhala parti mit-traffic ‘calming measures’ il-perit qal li l-pjazza għandha tiġi one way ma toroq ohra fiċ-centru. Dan isir bi pjan holistiku.

Inġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali dwar l-istat ħażin tat-toroq arterjali fin-Nadur.

Inġibdet l-attenzjoni wkoll dwar il-konġestjoni ta’ traffiku fi Triq San Blas kantuniera ma Triq Wied ir-Rihan. Hemm bżonn li jsiru xi sinjali sofor fil-kantunieri ta’ din l-area.

Issemma wkoll li fi Triq il-Knisja kantuniera ma Pjazza San Pietru u San Pawl qed ikun hemm sewqan b’veloċita. {ie ssuġġeriet li ssir sleeping policeman. Peress li minn din it-triq tgħaddi x-xarabank jista jkun li ma johroġx permess mill-ADT għal din.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 p.m.

**Miriam Portelli, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**